MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 86/2008/2

**Lawrence Bordieri u martu Mary Bordieri sija għan-nom tagħhom kif ukoll għan-nom ta' binhom minuri Jeremy, u Amanda Bordieri, oħt id-decujus fil-kwalita` tagħhom bħala eredi leġittimi tal-mejjet Gareth Bordieri**

***versus***

**Anne Marie Aquilina, xebba; id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-minuri "Aiden" li l-att tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku bin-numru progressiv 2233/07, u b'digriet tat-2 ta' Diċembru 2008 dawn il-kuraturi deputati ġew estromessi mill-kawża wara li ġiet nominata l-istess**

**Anne Marie Aquilina bħala kuratriċi *ad litem* sabiex tirrappreżenta lill-minuri "Aiden" fil-kawża odjerna**

1. Dan huwa appell minn sentenza li ċaħdet eċċezzjoni illi l-atturi ma għandhomx leġittimazzjoni attiva biex jitolbu dikjarazzjoni illi tarbija hija l-wild naturali tal-awtur tagħhom li miet qabel ma twieldet it-tarbija u qabel ma seta' għarafha bħala wild tiegħu.
2. L-atturi fissru illi huma l-ġenituri u l-aħwa ta' Gareth Bordieri, li kien miet fl-24 ta' Ġunju 2007. Igħidu wkoll illi Gareth Bordieri huwa l-missier tal-minuri Aiden minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta Anne Marie Aquilina. Gareth Bordieri miet qabel ma twieled Aiden u għalhekk ma setax għarfu bħala ibnu. Għalhekk, fuq l-att tat-twelid ta' Aiden dan huwa muri bħala iben missier mhux magħruf.
3. Billi jgħidu illi għandhom interess illi Aiden jiġi dikjarat illi huwa iben Gareth Bordieri, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:
i. tgħid illi Aiden, li issa huwa magħruf bil-kunjom Aquilina (ta' ommu), huwa l-wild naturali ta' Gareth Bordieri; u
ii. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-att ta' twelid ta' Aiden, li għandu n-numru 2233/2007, billi, fejn hemm miktub illi l-missier ma huwiex magħruf, jitniżżlu, fil-kolonni rispettivi, id-dettalji relativi għal Gareth Bordieri, bil-karta ta' identità numru 236081M, imwieled il-Pietà joqgħod Marsascala, iben Lawrence Bordieri li għadu ħaj.
4. Talbu wkoll l-ispejjeż kontra l-konvenuta Anne Marie Aquilina.
5. Il-konvenuta Anne Marie Aquilina ("il-konvenuta Aquilina") wieġbet fid-29 ta' Lulju 2008 u ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva tal-atturi li jmexxu b'din l-azzjoni bħala werrieta billi kawża għall-filjazzjoni hija dritt personali tal-missier jew tal-omm naturali li ma jgħaddix għand l-eredi. Ressqet ukoll l-eċċezzjoni illi ma huwiex fl-interess tal-minuri li jintlaqgħu t-talbiet.
6. Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ("id-Direttur") wieġeb fl-4 ta' Awissu 2008 u l-kuraturi maħtura

biex jidhru għall-minuri wieġbu fil-15 ta’ Settembru 2008. Dawn tal-aħħar ressqu l-eċċezzjoni (i) illi l-atturi ma mxewx kif irid l-art. 86 tal-Kodiċi Ċivili u (ii) illi azzjoni bħal din tallum tmiss biss lill-wild innifsu.

7. B’sentenza mogħtija fis-26 ta’ Novembru 2009 [“is-sentenza appellata”] il-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuta Aquilina (dwar nuqqas ta’ leġittimazzjoni attiva) u ż-żewġ eċċezzjonijiet tal-kuraturi u ordnat illi jitkompla s-smigħ. Il-qorti immotivat id-deċiżjoni tagħha hekk:

«… … … fil-liġi nostrana ma hemmx dispożizzjonijiet speċifiċi li jistipulaw min jista’ jisperixxi azzjoni għar-riċerka ta’ paternità jew maternità ta’ tifel imwieled barra ż-żwieġ, iżda tirregola l-pożizzjoni fil-każ ta’ rikonoxximent tat-tifel, u tgħid li r-rikonoxximent jista’ jsir jew mill-missier u mill-omm, jew separatament jew konġuntivament; iżda fit-tieni *proviso*[1] tagħti d-dritt lil kull persuna interessata sabiex tipproċedi ġudizzjarjament biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li jkun għaraf it-tifel huwa missier it-tifel.

«Fi kliem ieħor, għalkemm ir-rikonoxximent jista’ jsir biss mill-ġenitur jew ġenituri tat-tifel, iżda mill-banda l-oħra kull persuna interessata tista’ tipproċedi biex tottjeni dikjarazzjoni ġudizzjali fis-sens li l-persuna li għamlet ir-rikonoxximent, hija l-missier.

«Fil-fehma ta’ din il-qorti, minn dan joħroġ ċar li fil-każ ta’ wild barra ż-żwieġ il-leġislatur ma jidhirx li ried li jillimita l-azzjoni ta’ riċerka ta’ paternità jew maternità għat-tifel jew għad-dixxendenti tiegħu, għax *ubi lex voluit lex dixit*, u għalhekk, fin-nuqqas ta’ dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprojbixxi lil terzi li jagħmlu din l-azzjoni, għandha tipprevali t-teżi tal-atturi u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens li l-azzjoni tista’ tiġi esperita minn kull min juri li għandu interess ġuridiku.

«Fil-każ in diżamina l-atturi, bħala eredi tal-mejjet Gareth [liema fatt ma ġiex kontestat], għandhom interess ġuridiku, kif fuq indikat, biex jagħmlu din l-azzjoni li wara kollox jekk tirnexxi tkun fl-interess tal-minuri li minn bin missier mhux magħruf, tiġi stabbilita l-paternità tiegħu.»

8. Wara li kisbet permess għal dak li jgħid u jrid l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-

[1] Ir-referenza hija għall-art. 86 tal-Kodiċi Ċivili.

konvenuta Aquilina f'isimha u f'isem il-minuri b'rikors tad-9 ta' Diċembru 2009 appellat minn din is-sentenza. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2010 din il-qorti laqgħet l-appell, ħassret is-sentenza appellata, laqgħet l-eċċezzjonijiet u bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex din "tastjeni mili tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża".

9. B'rikors tas-27 ta' Settembru 2010 l-atturi talbu illi din il-qorti tħassar is-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju 2010 ["is-sentenza attakkata"] u tisma' l-appell mill-ġdid. B'sentenza tal-24 ta' Ġunju 2011 is-sentenza attakkata tħassret minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi, u l-appell instema' mill-ġdid u qiegħed issa jiġi deċiż b'din is-sentenza tallum.

10. L-aggravji tal-konvenuta Aquilina *proprio et nomine* kontra s-sentenza appellata huma erbgħa: (i) illi l-ewwel qorti kienet żbaljata meta qalet illi fil-liġi tagħna ma hemmx disposizzjonijiet speċifiċi li jistipulaw min jista' jiftaħ azzjoni għar-riċerka ta' paternità jew maternità; (ii) illi l-interpretazzjoni mogħtija lit-tieni *proviso* għall-art. 86 tal-Kodiċi Ċivili hija żbaljata, għax għandu jinqara fil-kuntest sħiħ ta' dak li jgħid l-art. 86 illi l-att ta' tagħrif isir "minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel"; (iii) illi s-sentenza ma qisitx l-eċċezzjonijiet imressqa mill-kuraturi f'isem il-minuri; u (iv) illi kawża bħal din tallum tista' ssir biss mill-wild.

11. Id-Direttur wieġeb fit-28 ta' Diċembru 2009 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell kellu jiġi miċħud. L-atturi wieġbu fit-8 ta' Frar 2010 u wkoll qalu illi l-appell għandu jiġi miċħud.

12. L-attriċi fissret l-ewwel aggravju tagħha hekk:

«… … … l-ewwel aggravju jittratta dwar il-konklużjoni tal-ewwel onorabbli qorti li – jiġi sottomess bir-rispett – erronjament ikkonkludiet li l-liġi tagħna hija siekta dwar min jista' jattiva azzjoni għar-riklam ta' paternità jew tal-maternità. L-esponenti tissottometti umilment li, anzi, il-leġislatur tagħna kien ċar u tassattiv dwar min jista' jespera l-azzjoni odjerna u minn qari tad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha jirriżulta li huma biss il-ġenituri li jistgħu jippromwovu din il-kawża filwaqt li l-leġislatur jillimita l-azzjoni u jeskludi lil persuni li huma axxendenti jew werrieta tal-ġenituri. Dan hu evidenti anke minn qari tad-dispożizzjonijiet l-oħra li jirrigwardaw il-materja ta'

filjazzjoni, kemm leġittima kif ukoll illeġittima, u, fejn il-legislatur ried idaħħal lil terzi, ipprovda *expressis verbis.*

«Illi minn eżami tal-artikoli tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw ir-rikonoxximent ta' minuri li twieldu barra miż-żwieġ jirriżulta li d-diċitura tassattiva tal-leġislatur isemmi biss il-"missier jew l-omm" u "l-ġenituri". Imkien ma jsemmi l-eredi jew dixxendenti ħlief għall-azzjoni ta' impunzjazzjoni ta' att jew kawża ta' rikonoxximent imma mhux bħala l-atturi f'kawża simili. L-artikoli hawn in eżami huma s-segwenti:

«L-artikolu 86 jipprovdi li "t-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament".

«L-artikolu 87 li jirregola atti volontarji ta' rikonoxximent … … … isemmi biss lill-ġenituri:.

«*87. (l) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.*

«*(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.*

«L-artikoli l-oħra wkoll jagħmlu riferenza skjetta u inekwivoka għall-ġenituri tal-minuri u mkien ma jsemmu lil terzi persuni interessati.

«L-artikolu 88 ukoll isemmi li l-effetti tar-rikonoxximent iseħħu biss fir-rigward tal-ġenitur li jkun għamel l-att u mkien ma hemm riferenza għall-possibilità li terzi persuni jistgħu jirrikonoxxu tfal imweldin barra miż-żwieġ.

«Ukoll l-artikolu 90 li jirregola l-awtorità tal-ġenitur isemmi biss il-ġenitur li jkun irrikonoxxa l-minuri.

«Illi mkien hemm riferenza għall-"axxendenti jew werrieta". Anzi fejn il-leġislatur ried jinvolvi terzi, ipprovda *expressis verbis* u limitatament għad-dritt tat-terzi li jattakkaw att ta' rikonoxximent iżda mhux dritt tagħhom li jesperaw din l-azzjoni kif jirriżulta ċar mill-artikoli 99 u l00 tal-Kap. l6 tal-Liġijiet ta' Malta.

«Illi l-appellanti għalhekk tissottometti bir-rispett li s-suespost juri inekwivokament li terzi persuni jistgħu biss jikkontestaw azzjoni ta' rikonoxximent u mhux jittentaw il-kawza huma stess. Fl-artikoli fuq ċitati dwar filjazzjoni naturali l-leġislatur fejn ried ukoll estenda l-azzjoni għal terzi u saħansitra semma l-werrieta fejn dan kien l-

intenzjoni tiegħu. Fl-artikolu 74 per eżempju, il-werrieta tar-raġel jistgħu jipproċedu huma b'talba ta' *denegata paternità* f'ċertu ċirkostanzi. L-artikoli 76 u 77 ukoll japplikaw espressament għad-drittijiet ta' terzi interessati f'kawżi ta' filjazzjoni. L-artikolu 85, *inoltre*, jestendi d-dritt tal-azzjoni għad-dixxendenti u werrieta tal-wild. Il-massima legali *ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus* hu prinċipju fondamentali applikabbli fil-każ in eżami.»

13. Fil-fehma ta' din il-qorti l-artikoli 86 sa 90 ċitati mill-konvenuta li jsemmu biss lill-ġenituri ma għandhom ebda relevanza għall-kwistjoni tal-leġittimazzjoni attiva tal-atturi biex jiftħu l-kawża għax dawk l-artikoli jirregolaw l-għarfien tal-wild u mhux l-azzjoni ta' filjazzjoni. Ma huwiex kontestat illi huwa biss il-missier li jista' b'att volontarju tiegħu jagħraf il-paternità tal-wild iżda dan ma jfissirx bilfors illi ħaddieħor ma jistax imexxi l-azzjoni ta' paternità.

14. L-artt. 74, 76 u 77 jistgħu jkunu ta' relevanza *a contrario sensu*: dawn l-artikoli jagħtu jedd lill-werrieta ta' żewġ l-omm f'ċerti każijiet u lil terzi interessati f'każijiet oħra li jressqu l-azzjoni għaċ-ċħid tal-wild imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ, u l-argument hu illi l-liġi ssemmi espressament il-każijiet fejn f'materja ta' filjazzjoni l-azzjoni tista' titmexxa minn persuni oħra barra l-missier u l-omm u għalhekk f'każijiet bħal dak tallum fejn ma jissemmiex dak il-jedd l-azzjoni tista' ssir biss mill-missier u mill-omm.

15. Dan l-argument, għalkemm mhux nieqes għalkollox minn meritu, ma huwiex konkluživ. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq imsemmija jirregolaw l-azzjoni għaċ-ċħid tal-filjazzjoni leġittima, li l-liġi għandha interess li tirrestrinġiha billi għandha interess illi tinżamm il-filjazzjoni leġittima. Għalhekk għandu qawwa l-argument illi *ubi voluit dixit; ubi tacuit noluit* fis-sens illi huwa biss bil-każijiet espressament imsemmija fl-artt. 74, 76 u 77 illi terzi barra żewġ l-omm jistgħu jmexxu bl-azzjoni għaċ-ċħid tal-wild leġittimu. Dan l-argument iżda ma jistax jiġġebbed barra l-kuntest tal-azzjoni taċ-ċħid tal-paternità leġittima biex ikun igħodd ukoll għall-azzjoni ta' dikjarazzjoni ta' paternità billi l-interess li trid tħares il-liġi hawnhekk huwa differenti.

16. Aktar jista’ jkun relevanti, fil-fehma ta’ din il-qorti, l-art. 85, li huwa wkoll il-meritu tar-raba’ aggravju, illi l-azzjoni tallum tmiss biss lill-wild innifsu.

17. L-art. 85 igħid meta l-werrieta tal-wild jistgħu imexxi bl-azzjoni li kellu l-wild stess sabiex jitlob l-istat ta’ wild imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ, *i.e.* l-istat ta’ wild leġittimu. Din l-azzjoni l-werrieta tal-wild jistgħu jagħmluha biss meta l-wild ikun miet meta kien taħt l-età jew fil-ħames snin wara li kien sar tal-età, u jistgħu jkomplu l-azzjoni jekk il-wild ikun bdieha qabel miet. Jekk l-azzjoni hija hekk limitata meta hija maħsuba biex jintalab l-istat ta’ wild leġittimu, li l-liġi tħares lejh b’favur, aktar u aktar għandha tkun limitata meta, bħal fil-każ tallum, jintalab l-istat ta’ wild naturali.

18. Madankollu, xorta dan l-argument ma huwiex konklużiv għax din id-dispożizzjoni sservi biex tillimita ċ-ċirkostanzi li fihom il-werrieta tal-wild jistgħu jmexxu bl-azzjoni u mhux biex telimina l-jedd ta’ terzi li jista’ jkollhom interess.

19. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti hija tal-fehma illi l-argumenti mressqa fl-ewwel u fir-raba’ aggravji ma humiex konvinċenti u għalhekk dawk l-aggravji huma miċħuda.

20. It-tieni aggravju tal-appell tal-konvenuta Aquilina huwa illi l-interpretazzjoni mogħtija lit-tieni *proviso* għall-art. 86 tal-Kodiċi Ċivili hija żbaljata, għax għandu jinqara fil-kuntest sħiħ ta’ dak li jgħid l-art. 86 illi l-att ta’ tagħrif isir “minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel”.

21. L-art. 86 igħid illi l-azzjoni għar-reġistrazzjoni tal-għarfien tal-wild magħmul b’att pubbliku, iżda mingħajr il-kunsens tal-omm, minn min igħid li hu missier, tista’ ssir minn “kull min ikollu interess”. Minn dan l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni “li fil-każ ta’ wild barra ż-żwieġ il-leġislatur ma jidhirx li ried li jillimita l-azzjoni ta’ riċerka ta’ paternità jew maternità għat-tifel jew għad-dixxendenti tiegħu”.

22. Il-konvenuta Aquilina tgħid illi interpretazzjoni tajba ta’ din id-dispożizzjoni tal-liġi hija illi “terzi jistgħu jmexu biss meta missier il-minuri jkun ġà għamel it-tagħrif tat-tifel u mhux li jmexxu flok dak il-missier”.

23. Dan huwa minnu, iżda dik id-dispożizzjoni tal-art. 86 tirregola biss l-azzjoni għar-reġistrazzjoni tal-għarfien tal-

wild magħmul mill-missier, u ma jgħidx ukoll illi meta ma jkunx sar dak l-għarfien l-azzjoni għal dikjarazzjoni ta' paternità minn min ikollu interess ma tistax issir. Dan l-aggravju għalhekk ma jwassalx għall-konklużjoni li trid il-konvenuta Aquilina u huwa għalhekk miċħud.

24. Fit-tielet aggravju l-konvenuta Aquilina tgħid illi l-ewwel qorti ma qisitx l-eċċezzjoni illi l-azzjoni tallum "ma setgħetx issir *stante* li ma saritx in konformità mal-artikolu 86 tal-Kap 16". Kompliet tfisser dan l-aggravju hekk:

«… … … il-leġislatur irregola l-atti volontarji ta' tagħrif billi ipprovda li dawn ma jkunux vinkolanti awtomatikament fuq l-omm u fuq il-minuri imma l-att għandu jiġi notifikat u tiġi segwita l-proċedura hemm ikkontemplata. Kif ġà sottomess ukoll, it-terzi ma jistgħux *de proprio* jittentaw azzjoni mingħajr ma jkun hemm att ta' tagħrif mill-missier u ittra ġudizzjajra notifikata lill-omm u lill-minuri in segwitu għal dak l-att. Din il-proċedura ma seħħitx u jiġi sotto-mess hija rikjesta *ad validitatem* u ġġib magħha nullità assoluta tal-proċeduri hawn istitwiti.»

25. Kif ġà ngħad, iżda, l-azzjoni tallum ma hijiex azzjoni għar-reġistrazzjoni tal-għarfien magħmul minn min igħid li hu l-missier, u għalhekk il-proċedura maħsuba għal dik l-azzjoni ma tgħoddx għall-kawża tallum. L-art. 86 li fuqu jistrieħ dan l-aggravju jirregola l-azzjoni għar-reġistrazzjoni tal-għarfien; ma jgħidx illi, fin-nuqqas ta' dak l-għarfien, l-azzjoni ma tistax issir għalkemm, naturalment, dak il-mezz ta' prova ma jkunx disponibbli.

26. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

27. Għar-raġunijiet miġjuba fuq, il-leġittimazzjoni attiva għall-azzjoni ta' filjazzjoni ma hijiex regolata bl-art. 86 jew b'xi dispożizzjoni oħra tal-liġi pożitiva, u għalhekk għandha tibqa' regolata bil-prinċipju ġenerali tad-dritt proċedurali li jagħti azzjoni kull fejn hemm interess ġuridiku.

28. Li rridu naraw mela hu jekk l-atturi tallum għandhomx interess ġuridiku u leġittimu li jiksbu dikjarazzjoni illi l-minuri Aiden huwa l-wild naturali tal-awtur tagħhom Gareth Bordieri.

29. Interpretazzjoni korretta tal-liġi ma tistax ma ssirx ukoll fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jħarsu l-jeddijiet fondamentali, li magħhom għandha tkun konformi. F'dan il-kuntest hija relevanti l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti

Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-każ ta' Kroon *et versus* l-Olanda[2] illi «*In the court's opinion, "respect" for "family life" requires that biological and social reality prevail over a legal presumption ... .... ...*». Ukoll, jekk l-atturi jiġu miżmuma milli jfittxu li, bi proċeduri ġudizzjarji, jegħelbu l-preżunzjoni illi Aiden huwa bin missier mhux magħruf, jista' jkun illi jkunu qegħdin jiġu mċaħħda minn aċċess għal qorti.

30. Fil-fehma ta' din il-qorti l-interess tal-atturi li juru r-rabta tad-demm bejnhom u bejn Aiden huwa interess leġittimu li jixraqlu ħarsien, u l-eċċezzjoni li ma għandhomx leġittimazzjoni attiva biex imexxu b'din l-azzjoni hija miċħuda.

31. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell tħallashom il-konvenuta Aquilina *proprio*.

Silvio Camilleri Geoffrey Valenzia Giannino Caruana Demajo
Prim Imħallef Imħallef Imħallef

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Para. 40.